MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tat-2 ta' Ottubru, 2012

Numru. 604/2008

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR JOSEPH AGIUS**
**SPETTUR RAMON MERCIECA**

**KONTRA**

**JOSEPH PACE ta' 63 sena, iben Joseph Fenech u Antonja Pace, imwieled Birzebbuga nhar it-28 ta' Gunju, 1949, residenti fil-fond numru 51, Triq is-Sajjied, Marsa, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 960749M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra 'l hawn fuq imsemmi **Joseph Pace** li gie akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, nhar il-11 ta' Lulju, 2008 u fix-xhur ta' qabel din id-data, b'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti, ikunu jiksru l-istess

disposizzjoni tal-Ligi, u jkunu gew maghmulin b'risoluzzjoni wahda:

1. Bl-imgieba tieghu, ikkaguna lil martu Maria Dolores Pace tibza' li ser tintuza vjolenza kontriha jew kontra l-proprjeta' taghha jew kontra l-persuna jew il-proprjeta' taghha, jew kontra l-persuna jew il-proprjeta' ta' xi hadd mill-axxendenti, dixxendenti, ahwa subien jew bniet jew xi persuna ohra msemmija fl-Artikolu 222(1) tkun hatja ta' reat jekk hija tkun taf jew imissha tkun taf li l-imgieba taghha ser tikkaguna lil xi haddiehor hekk jibza' kull darba minn dawk l-okkazjonijiet u dan bi ksur tal-Artikolu 251B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. U aktar talli fl-istess zminijiet, lok, u cirkostanzi ta fastidju lil martu Maria Dolores Pace b'mod li kien jaf li dan kien ta' fastidju ghaliha u dan bi ksur tal-Artikolu 251A(1)(a)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. U aktar talli fl-istess zminijiet, lok, u cirkostanzi, ghamel offiza ta' natura hafifa fuq martu Maria Dolores Pace u dan bi ksur ta' l-Artikolu 221(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. U aktar talli fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi bil-hsieb li jtellef jew inaqqas il-gieh ta' martu Maria Dolores Pace, weggaghha b'gesti, b'kitba, b'disinji, bi kliem mhux imfisser car jew b'canfir mhux specifikat jew inkella bi kliem jew ghemil li jkun biss mhux xieraq jew b'xi mod iehor u dan bi ksur tal-Artikolu 252(1) u (2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

5. U aktar talli fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi, ghamel lil martu Maria Dolores Pace ingurji jew theddid mhux imsemmija band'ohra f'dan il-Kodici, jew jekk ikun ipprovokat, jingurjaha b'mod illi johrog barra mill-provokazzjoni u dan bi ksur tal-Artikoli 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi moqrija l-akkuzi, l-imputat wiegeb illi ma kienx hati ta' l-istess.

Rat illi ntbaghtu l-Artikoli taht liema hemm mahsub li tista' tinstab htija u cioe':

- Fl-Artikoli 18, 251B, 251A(1)(a)(b), 221(1), 252(1)(2), 339(1)(e), 533 tal-Kodici Kriminali.

Rat ukoll illi moqrija l-istess Artikoli, gie moghti l-kusens ghal proceduri sommarji.

Rat li maghluqa l-provi, id-Difiza ddikkjarat li ma kellha ebda prova xi tressaq.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjonijiet.

Ikkunsidrat:

Illi jinghad illi l-animu ta' dawn il-proceduri hu li l-imputat ta' spiss kien juza mgieba negattiva lejn martu llum mejta, tant illi uza wkoll vjolenza fizika maghha, u anke kien izommha nieqsa mill-flus.

Issa l-esperti nominati fl-Inkjesta, cioe' l-patologisti, ikkonkludew a folio 112, hekk:
"*The death of this middle-aged female is certified as being due to congestive heart failure due to ischemic heart disease.*"

Minn naha tieghu Dr Mario Scerri, tabib forensiku, ikkonkluda:
*1. "Illi fuq il-locus fejn instab il-kadavru ma kienx hemm xi taqlib jew sinjali li jqanqlu certu suspetti;*

*2. Illi ma kienx hemm sinjali ta' vjolenza fuq il-kadavru ta' Pace;*

*3. Illi congested jugular vein tista' tindika li kien hemm pressjoni gholja fuq in-naha tal-lemin tal-qalb li tista' tindika li l-kawza tal-mewt kienet wahda relatata ma' kundizzjoni kardjologika;*

4. *Illi fil-fatt dan gie kkonfermat waqt l-awtopsja;*

5. *Illi z-zewg droplets tad-demm li nstabu mal-art kellhom magnitude izda ma kellhomx direzzjoni, kienu low velocity drops, ma kinux spatters u dawn hargu mill-imnieher kagun ta' pulmonary oedema;*

6. *Illi ghalkemm il-kawza tal-mewt ta' Pace kienet wahda relatata ma' kundizzjoni kardjologika, hu possibbli li l-argument sehh bejnha u bejn ir-ragel taghha li certament ikkaguna stress fl-imsemmija Pace, seta' kkontribwixxa b'xi mod ghall-mewt taghha;*

7. *Illi mill-evidenza ta' rigor mortis li kien prezenti fil-muskoli kollha u ta' hypostasis li ma kienx fiss, l-esponent hu tal-opinjoni li Maria Dolores Pace kienet ilha mejta madwar tliet sieghat mill-hin tal-ezami medikolegali;*

8. *Illi l-kulur vjola ta' hypostasis hu normali.*"

Illi minn naha tieghu Dr Joseph Brincat xehed illi Doris, cioe' l-mejta, kienet anke tahdem mal-familja tieghu, u li kellu konoxxenza tal-fatt, b'hekk, illi l-hajja matrimonjali taghha kienet hazina u dejjem taggrava ruhha, tant illi kienet anke fittxet l-ghajnuna tieghu ghal separazzjoni personali. Xehed illi wahda mill-aktar glidiet li kien hemm bejn il-konjugi kienet fuq il-flus, biex hi tiehu parti mis-social services. Xehed Dr Brincat illi kienu anke ppruvaw jirrangaw din is-sitwazzjoni mas-Social Services. Qal illi kienu l-girien li kienu jaghtuha tiekol, anke jaghtuha l-flus biex tghix. Ikkonferma li kien jiftakar anke ncident ta' vjolenza bejn il-konjugi meta kienet tircievi c-cheque hi, ghax l-imputat kien ikun irid ic-cheque bil-fors. Xehed ukoll illi hi sa xi sena u nofs ilu anke kienet tmur thabbat ghandu, u kien jghaddilha l-flus.

Minn naha tieghu Dr Joseph Spiteri xehed illi l-imputat kien qieghed jircievi l-kura mehtiega u ghalhekk kien fi stat stabbli.

Ikkunsidrat:

Illi certament, anke jekk din il-kawza bdiet bit-toma ta' "course of conduct" ta' l-imputat versu l-mejta, liema mgieba wasslet ghall-mewt taghha, dan ghalkemm huwa ferm probabbli li ghen, pero ma ngabet ebda prova soda ta' tali ness.

Illi x-xhieda ta' Dr Brincat turi din l-imgieba ferm negattiva ta' l-imputat lejn martu, imgieba tali li anke zammha nieqsa mill-flus u kellha tghix bil-karita' tan-nies. Pero Dr Brincat xehed fuq sitwazzjonijiet ta' sena u nofs qabel, meta l-akkuza tirreferi ghal Awwissu u xhur qabel.

Ghaldaqstant, ghalkemm din il-Qorti hija konvinta li certament l-imgieba ta' l-imputat kienet wahda punibbli, pero ma ngabu ebda provi marbuta mad-data ta' l-akkuza li tista' twassal ghall-htija, u ghalhekk qed jigi liberat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------